MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 6/2014

A B

vs

1. C D
2. Dr Mark Busuttil u PL Louisa Tufigno b'digriet tat-13 ta' Frar 2014 nominati bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri I D
3. K D
4. Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-konvenuta C D, minn liema relazzjoni twieled il-minuri I D fit-8 ta' Marzu 2011 ;
2. Illi fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi minuri I D, il-konvenut K D, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier il-minuri, u dan kif jidher mill-Att tat-Twelid Numru disgha, sitta, sitta tas-sena elfejn u hdax (966/2011) (Kopja hawn annesa bhala Dok 'A' ) ;
3. Illi mit-test ta' DNA, datat 28 ta' Gunju, 2013 li sar fuq kampjun orali tal-partijiet C D, il-minuri I D u A B irrizulta b'mod car illi l-esponent A B huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri I D (vide Dok 'B') ;
4. Illi l-esponent kien dejjem prezenti fit-trobbija tal-minuri I D bil-kunsens tal-konvenuta omm l-minuri, C D fejn hija stess tirrikonoxxi il-fatt li fil-verita' huwa l-esponent il-missier naturali tal-istess minuri (*vide* Dok. 'C' u Dok 'D' affidavit ta' C D u ta' A D rispettivament);
5. Illi ghalhekk qed tigi prezentata din il-kawza sabiex isiru l-appoziti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri I D;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri I D li twieled fit-8 ta' Marzu, 2011 mhuwiex il-konvenut K D;

(ii) Konsegwentement, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid numru 966/2011 tal-minuri msemmi I D, u partikolarment fil-kolonni ntestati "Taghrif Dwar : Isem u Kunjom, Missier it-tarbija, Id-Dokument ta' l-Identita', Eta, Fejn Twieldu, Joqghodu, Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" jigu kancellati dawk il-konnotati kollha li hemm imnizzla relattivi ghall-konvenut K D u minflok jitnizzlu l-konnotati kollha tal-esponent A B hekk kif indikati fin-nota annessa u mmarkata bhala 'Dok. E';

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Għal kull buon fini, l-esponent jirrileva li huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għal korrezzjoni tan-numru ta' Karta ta' l-Identità tal-Konvenuta C D peress li għandu jaqra 25845A u mhux 258485A;

2. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita’ tal-minuri I D, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għall-premess f’każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi l-esponenti jistieden lill-rikorrent A B sabiex permezz ta’ nota jispeċifika dettalji personali ulterjuri tiegħu, senjatament (1) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (2) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel I. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi I bin-numru ta’ reġistrazzjoni 966 tas-sena 2011;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri I a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

5. Illa bla ħsara għal premess, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet “the said” li jinstabu qabel l-isem “K D”, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta’ reġistrazzjoni 966 tas-sena 2011;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark M Busuttil u il-PL Luisa Tufigno, li in forza taghha eccepew :

a. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata kif, jekk u meta jigu edotti mill-fatti;
b. Salv, risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Mark M Busuttil u il-PL Luisa Tufigno;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' I D *stante* li r-rikorrent jikkontendi li frott tar-relazzjoni li kellu mal-intimata C D, nhar it-8 ta' Marzu 2011[1] twieled il-minuri I D. Ic-certifikat tal-istess minuri jindika pero' li l-missier huwa l-intimat l-iehor K D.

Min-naha taghha, l-intimata, ghalkemm ma tipprezenta ebda risposta guramentata fl-Atti, permezz tal-affidavit taghha[2], tghid li hija certa li l-missier naturali tal-minuri huwa A B, peress li fiz-zmien relattiv, hija kienet diga' separata *de facto* minn zewgha (l-intimat l-iehor).

Min-naha tieghu, l-intimat K D ma jipprezenta ebda risposta guramentata pero' jaghti ruhu b'notifikat tal-istess kawza u jixhed dwar il-paternita' tal-istess minuri billi jghid li dak iz-zmien kien il-habs, ma kienx ghadu mal-mara u li kellha tarbija minn persuna ohra li ma jafx min hu. Jghid li jixtieq li ma jibqax jidher li hu l-missier tal-istess minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz Odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri I D. Appari tali dikjarazzjonijiet (kemm permezz tal-affidavit tal-istess rikorrent[3] kif ukoll tal-intimata C D), konferma ta' dan huma t-testijiet genetici li gew prezentati fil-mori tal-kawza li jkomplu jikkonfermaw dan u li naturalment ma jhallu ebda dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li t-testijiet genetici huma l-prova regina f'kazijiet simili ghal dak odjern u ghalhekk m'hemmx lok li dawn jigu diskussi.

[1] Esebit a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 7 tal-process
[3] Esebit a fol 8 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-minuri Illias D m’huwiex il-wild naturali tal-intimat K D;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri Illias D bin-numru ta’ iskrizzjoni 966 tas-sena 2011, jikkancella d-dettalji u l-konnotati relattivi ghall-missier bid-dettalji u l-konnotati ta’ A B li huma s-segwenti:
Karta tal-identita’ numru 624159M

Post tat-twelid: l-Isla

Iben il-mejjet Joseph B li kien mejjet fiz-zmien tat-twelid tal-minuri.

Post tar-residenza fiz-zmien li twieled il-minuri: San Giljan

Tordna wkoll li kunjom il-minuri jkun dak ta’ B.

Il-Qorti tordna ukoll illi l-kelmiet “the said” li jinstabu qabel l-isem “K D”; senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati “taghrif dwar l-omm” ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta’ reġistrazzjoni 966 tas-sena 2011;

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------